# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 279/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Lydon Gravina**

Illum 13 ta' Settembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Lydon Gravina**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 208289(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Marzu 2017, ġewwa dawn il-Gżejjer, f'San Pawl il-Baħar:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' Lindsay Sammut f'periklu ċar, ħebb għall-istess Lindsay Sammut u kkaġunalha offiżi ta' natura gravi.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprojbixxi lill-imputat milli javviċina lil Lindsay Sammut u r-residenza tagħha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Diċembru 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 214, 218, 412Ċ, 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u:

- kkundannatu disa' (9) xhur priġunerija minn liema ammont kellu jkun imnaqqas dak skontat taħt arrest preventiv;

- wara li rat Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament, liema ordni sar għal perjodu ta' tliet (3) snin skont id-digriet anness mas-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan sabiex (a) il-ħati jkompli b'kull kura neċessarja sabiex jindirizza l-vizzju tad-droga li għandu, jekk għadu l-kaz u (b) jingħata assistenza ta' *anger management* sabiex jindirizza u jikkontrolla r-rabja tiegħu;

- ordnat li l-ħati jkompli jiġi ssorveljat minn Uffiċjal tal-*Probation* u *Parole* għal perjodu ta' tliet (3) snin u li kellu jikkoordina mad-Direttur tal-Habs sabiex waqt li l-ħati ikun qiegħed jiskonta l-piena jkompli bit-trattament meħtieġ b'mod immedjat;

- wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta' pubblika, qiegħdet lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu u personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn Euro (€2,000) liema żmien kellu jibda jiddekorri wara li jkun lesta l-perjodu ta' priġunerija;

- wara li rat Arikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati a favur

ta' Lindsay Sammut ghal perjodu ta' tliet (3) snin bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' u għall-protezzjoni tal-vittma u dan billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-ħati milli javviċina, jikkuntattja, ħlief dwar it-tfal tagħhom, jimmolesta jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-vittma;

- ordnat komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija;

- in vista tal-fatt li ma gewx maħtura esperti f'dan il-każ, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARHA U TIRREVOKAHA*** *in kwantu għall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023, dak li kellhom xi jgħidu l-konsulenti legali fejn, fost l-oħrajn, iddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-1 ta' Diċembru 2020. L-appell huwa wieħed dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jittratta dwar il-grad ta' prova għal dik li hija evidenza ppreżentata mill-Prosekuzzjoni u fl-appell l-appellant jirreferi għal diversi sentenzi. Wara l-appellant jagħmel riassunt ta' dak li qalu diversi xhieda fosthom Lindsay Sammut, il-Konsulent Mr. Clarence Pace, it-tabib Dr. Joseph Saliba, Joanne Sammut, Eleonor Agius, u Luke Mifsud. Jirreferi wkoll għal dak li qal hu. Jisħaq li fl-istqarrija tiegħu għaraf li dak li għamel f'dak il-lejl kien ħażin ħafna. Huwa jissottometti li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija eċċessiva u li l-piena qatt ma għandha sservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-vittma. F'dan il-punt l-appellant jagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi dwar ammissjoni u jirreferi wkoll għall-ktieb <u>Principles of Sentencing</u> tal-Professur David Thomas.

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-fedina penali tiegħu ma turix li huwa kiser difrejgħ mal-ġustizzja ħafna drabi u li huwa kkoopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Jgħid li kien hemm ukoll diversi każijiet simili fejn ingħataw pieni alternattivi. Fl-aħħarnett jagħmel riferenza għas-*Social Inquiry Report* imħejji mill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia u jgħid li dan jitfa' dawl fuq l-imgħoddi tiegħu u dwar il-vizzju li kellu tad-droga.

Illi għal kull buon jingħad li ħafna mill-punti msemmija hawn fuq li jidhru fir-Rikors tal-appell tal-appellant jidhru wkoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-istess appellant liema Nota ġiet ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2021 (*a fol.* 284 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti diversament preseduta semgħet lill-**Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia** tixhed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2021 (*a fol.* 276 *et seq.*) fejn għamlet riferenza għas-*Social Inquiry Report* (Dok. "MRF 1" – *a fol.* 171 *et seq.*) redatt minnha u li kien ġie

ppreżentat quddiem l-Ewwel Qorti. Hija qalet li minkejja li din il-Qorti diversament preseduta kienet stednitha tagħmel *Pre-Sentencing Report*, hija ma setgħetx tagħmlu peress li l-appellant kien mar darba, għamlitlu *urine test*, kien *clean* u ma marx aktar għall-appuntamenti u b'hekk ma setgħetx tagħmel aktar. Tgħid li l-appellant kien qalilha li beda jmur il-Caritas u li kien hemm il-ħsieb li jagħmel programm. Tixhed li hi kienet iċċempillu u fl-aħħar lanqas beda jirrispondi l-*mobile*. Tgħid li l-appellant ma kienx beda l-programm għax qabel imur il-programm ried jattendi xi sessjonijiet mal-Caritas. Hija ma setgħetx tikkonferma b'xi mod ieħor li l-appellant kien beda l-programm għaliex l-appellant kien ta l-informazzjoni fil-jum stess li kellha tixhed.

Illi din il-Qorti diversament preseduta reġgħet semgħet lill-**Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia** tixhed u dan għamlitu fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021 (*a fol.* 304 *et seq.*). Hija qalet li mindu kienet xehdet kien ħareġ *Social Inquiry Report* ieħor fil-konfront tal-appellant u b'hekk hi reġgħet bdiet issegwih minħabba r-rapport l-ieħor li ħareġ. Tgħid li mill-kampjuni tal-urina li qed jagħtiha l-appellant kien qed jirriżulta li qed ikun *clean*. Tgħid li l-appellant kien qed jittekilja l-problema tad-droga. Tisħaq li għandu jkun hemm aktar konsistenza mill-appellant.

Illi din il-Qorti kif preseduta rat in-Nota ppreżentata mill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia fit-22 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 335 *et seq.*) li fiha nfurmat lill-Qorti li tul iż-żmien li kien qed jitħejja s-*Social Inquiry Report* fil-konfront tal-appellant fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema rapport ġie ppreżentat fil-11 ta' Novembru 2021, l-appellant kien dejjem ikkoopera u żamm kuntatt regolari magħha. Tgħid li kienu saru żewġ eżamijiet kontra l-abbuż mid-droga li taw riżultat fin-negattiv għas-sustanzi tal-kannabis, eroina, u kokajina. Tgħid ukoll li minħabba li ma kienx hemm ordni sabiex l-appellant ikompli jkun segwit, hija ma setgħet iżżid xejn ma' dak imsemmi fin-Nota msemmija u mas-*Social Inquiry Report* li rriferiet għalih u li kien ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali kollha u b'mod partikolari ta' dak li kienet xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta u ta' dak li qalet fin-Nota tagħha hawn fuq imsemmija lil din il-Qorti kif preseduta. Hija kienet xehdet li kienet tat lill-appellant diversi appuntamenti biex jistabilixxu hux qed jabbuża mid-droga u li dawn l-appuntamenti dejjem falliehom u dejjem jgħid għax ikollu x-xogħol u daqqa għax ħaġa u oħra. Tgħid li dawn kien ikun jaf bihom minn qabel u kien jgħid li ser imur. Minkejja dan, jirriżulta li ntalab l-intervent tal-Uffiċjal tal-*Probation* fi stadju ta' appell. L-appellant ta kampjuni tal-awrina li rriżultaw *clean*. Kien hemm drabi fejn l-Uffiċjal tal-

*Probation* riedet li jkun hemm aktar konsistenza mill-appellant. Apparti dan, l-aħħar Nota tal-Uffiċjal tal-*Probation* quddiem din il-Qorti kienet aktar pożittiva minn qabel.

Illi din il-Qorti tikkunsidra li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati taħt Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux taħt Artikolu 218 tal-istess Kapitolu u dana minħabba li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwar il-permanenza tal-offiża gravi *ai termini* tal-Artikolu 218 imsemmi. Dan ma jfissirx li l-vittma ma sofrietx u dana peress li kien hemm ksur fil-*mandible* u kellha tgħaddi minn diversi operazzjonijiet. Wieħed irid iqis ukoll li l-vittma kellha t-tfal mill-appellant u ma kinitx tistenna dak it-trattament minnu. Bil-fors li nħasdet u kienet sorpriża. Wara kollox kienet saħansitra kkonċediet li jekk ried seta' jmur jorqod f'sodda oħra.

Illi ħaġa pożittiva li hemm hu li x'ħin ra d-demm l-appellant intebaħ dwar dak li kien għamel u mar minn jeddu l-Għassa u ma' dan il-Qorti żżid tgħid li fl-istqarrija tiegħu huwa qal x'kien ġara u ammetta li dak li kien għamel kien ikrah.

Illi mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* jirriżulta li l-isfond familjari tal-appellant kien xi ftit diffiċli u li kien jabbuża mid-droga. Dan ma jiskuża lil ħadd għaliex kulħadd huwa responsabbli għal dak li jagħmel meta huwa konxju ta' dak li qed iwettaq. Id-daqqiet ta' ponn bilfors kienu b'saħħithom biex kissru l-*mandible*. Jekk wieħed għandu problema bid-droga u/jew bl-*anger mangement*, huwa għandu jieħu ħsiebhom mal-ewwel u mhux wara li jkun wettaq xi reat ta' aggressjoni fiżika fuq xi ħadd ieħor għaliex sa frattant il-vittma jibqa' billi ħa.

Illi din l-Qorti kkunsidrat li l-Ewwel Qorti applikat il-piena li kienet teżisti fi żmien ir-reat u li ma applikatx il-massimu tagħha. Il-minimu kien dak ta' tliet xhur priġunerija u l-massimu kien dak ta' tliet snin. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tikkundanna lill-appellant allura imputat disa' (9) xhur priġunerija u dana għamlitu wara li kkunsidrat kollox sa l-iċken dettal.

Illi minkejja li din il-Qorti tinnota li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjoni li tagħha l-appellant instab ħati b'dan illi żżid tgħid li din il-piena mposta kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*", pero' meħud in konsiderazzjoni dak li qalet l-Uffiċjal tal-*Probation* quddiem din il-Qorti, din il-Qorti jidhrilha li għandha tnaqqas il-piena ta' priġunerija bi ftit u dana sabiex din il-Qorti tapplawdi dawk li jidhru li huma sforzi da parti tal-appellant. Għaldaqstant l-appell tal-appellant qed jiġi milqugħ f'dan is-sens. Dan qed jingħad mingħajr ma' din il-Qorti b'xi mod jew ieħor tnaqqas mis-serjeta' ta' dak li għamel l-appellant f'dan il-każ u li minħabba fih ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Lydon Gravina u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sentenza appellata għajr għal dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant disa' (9) xhur priġunerija, liema parti qed tiġi revokata, u minflok tikkundannah seba' (7) xhur priġunerija. Il-bqija ta' dak deċiż mill-Ewwel Qorti jibqa' invarjat.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**